**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef )**

**Vs**

**Davide Aurecchia**

**Illum 25 ta' Gunju, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Davide Aurecchia iben Orazio u Daniela nee' Patarino, imwieled nhar it-12 ta' Dicembru 1989 gewwa l-Italja, residenza mhux maghrufa, u detentur tal-karta tal-identita' Taljana No AV8822818:

Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-19 ta' Lulju 2014 ghal habta tas-sitta u kwart ta' filghodu (06:15am) f'San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

1. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Art. 95 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti (Art. 96 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 271 Anthony Saliba, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti (Art. 221 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied (Art 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi aktar tard anke gewwa l-Ghassa San Giljan ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li jkunu ghamlu d-dmirijiet taghhom (Art 338(ee) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

6. Akkuzat aktar talli fl-04 ta' Awissu 2014 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer ghamel uzu, jew ittanta jaghmel uzu minn passaport mahrug lil Francesco Mento (Art. 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta);

7. Akkuzat aktar talli fl-04 ta' Awissu 2014 jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg haddiehor, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew mexxihom (Art 334 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

8. Akkuzat aktar talli fl-04 ta' Awissu 2014 jew fil-jiem ta' qabel naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li bih inghata l-helsien mill-arrest.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li waqt l-udjenza tallum  mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghat-tieni imputazzjoni, filwaqt li rtirat is-sitt imputazzjoni.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat u l-fatt li ghandu fedina penali netta. Inoltre' it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet huma komprizi fl-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tas-sitt imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 95, 221, 338(dd), 338(ee), 334 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet  l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena (1) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn u inoltre' tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elfejn euro (€2,000).

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat